MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 774/2002

**Avviz. numru 774/02**

**Numru**

**George u Patricia Baldacchino**

**Vs**

**1.Anthony u Maria Licia sive Licia Baldacchino**
**2. Sagirus Limited**
**3. J.R.S. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jgu kundannati li jivvakaw u jizgombraw miz-zewg garaxxijiet li jgibu n-numri 4 u 5 f'Ghar Lapsi u cioe dawk iz-zewg garaxxijiet li huma adjacenti mal-Blue Creek Restaurant, Ghar Lapsi limiti

tas-Siggiewi u dan peress li l-konvenuti jew min minnhom qedghin jokkupaw l-istess garaxxijiet mod abbuziv u illegali u minghajr ebda titolu validu fil-ligi. L-atturi jiddikjaraw illi l-valur lokatizju taz-zewg fondi flimkien huwa ta’ anqas minn hamest elef lira maltija (Lm5,000). Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Ottubru 2002 b’riserva tad-dritt tal-atturi li jipprocedu kontra tal-konvenuti ghad-danni minnhom ikkagunati bl-okkupazzjoni illegali u abbuziva.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 27 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

(1) Illi fl-ewwel lok, in kwantu li l-atturi qeghdin jallegaw li l-garaxxijiet imsemmija fl-Avviz taghhom huma okkupati mill-eccipjenti “minghajr ebda titolu validu fil-ligi” hija kompetenti biex tisma’ l-kawza odjerna l-Qorti Civili, Prim’Awla.
(2) Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom iressqu l-prova ghar-rigward tat-titolu taghhom ghall-proprjeta’ fuq imsemmija.
(3) Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ Sagirus Limited ghandha titolu lokatizju ghar-rigward ta’ l-istess proprjeta’.
(4) Bir-riserva ta’ eccezzjonjiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 32 tal-atti kif ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti a fol 33 u fol 34 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mill-avviz in esami, l-atturi qedin jallegaw illi l-konvenuti ‘jew min minnhom’, qed jokkupaw iz-zewg garaxxijiet in kwistjoni “.. b’mod abbusiv u illegali u minghajr ebda titolu validu fil-ligi”.

Illi din is-sentenza hi limitata ghall-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti (bin-numru (2) ) u li permezz taghha l-istess konvenuti qed jghidu li, fejn l-atturi jallegaw li l-istess postijiet huma okkupati minnhom “minghajr ebda

titolu validu fil-ligi" il-kompetenza 'ratione materiae' tispetta lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Illi dwar dan, mil-eccezzjoni kif proposta l-konvenuti ma humiex qed jallegaw illi, huma qed jokkupaw l-istess postijiet b'titolu realis. Difatti mill-istess eccezzjonijiet, jidher li s-socjeta konvenuta "Sagirus Limited" qed tallega u ser issostni li qed tokkupa l-istess garaxxijiet b'titolu lokatizju ossija dritt personali u ghalhekk in vista li:

(i) Dan il-kaz ma jidhirx li jittratta dwar 'kwistjonijiet dwar propjeta ta' kemm immobbli, servitujiet, piziijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli (ara l-artikolu 43(3) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta).
(ii) Peress li jidher din il-Qorti ghandha tiddeciedi kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli … meta s-somma tal-kera ma tiskorrix il-Lm5000 skond kif stabbilit bl-artikolu 756(2) tal-Kodici Citat.

Illi, dan premess, jidher li l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-eccezzjoni in esami u tordna li dan il-kaz, jitkompla u jigi deciz fil-mertu wara li jigu kunsiderati t-tieni u t-tielet eccezzjoni sottomessi mill-konvenuti.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------